**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 74/07**
It-Tlieta 28 ta' Novembru 2017 fis-6.00pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'74 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | *IRTIRA FI 19:10PM* |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | *WASAL FI 18:55PM* |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *SKUŻAT* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

---

**AĠENDA**

74.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
74.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
74.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
74.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
74.5 Rapporti;
74.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 60/07;
74.7 Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
74.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Sotto Kumitati;
74.9 Mozzjonijiet;
74.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.
.

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

**74.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia**

**i.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija għal din il-laqgħa. Ittri ta' Apoloġija

**74.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti** Iffrmar tal-Minuti

**i.** Il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 74/2017 tal-25 t'Ottubru 2017 ittieħdu bħala moqrija peress li ġew iċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

**74.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

**i** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fil-każ tal-Kuntrattur VELLA GROUP LTD, dan kien baqa' jfittxu u jinsisti li jiltaqa' miegħu. Saħansitra żied jgħid is-Sindku li ġurnata fost l-oħrajn is-Sur Jimmy Vella kien mar l-uffiċċju tar-Reġjun Xlokk fejn hemmhekk kien sab lilu u lis-Seg. Eżek u kien qalilhom li kien mar biex jiġbor iċ-ċekk tal-pagamenti dovuti. Is-Sindku Farrugia spjega li lill-Jimmy Vella kien qallu li l-pagamenti dovuti lilu kienu jridu jiġi approvati mill-Kunsill u dak li kien ser jitħallas tiegħu kien dak skond l-iskeda tal-kuntratt tal-PPP filwaqt li kienu ser ikunu mnaqqsa dawk l-ammonti kkontestati. Pendenzi mal-Kuntrattur Vella Group Ltd

**i.i** Saret diskussjoni u ġie maqbul li nerġgħu nkelmu lill-Avukat u lill-Accountant biex jikkonfermawlna x'nistgħu nħallsu u kemm irridu nibdew inħallsu skond l-iskeda mqassma fuq tmien snin.

**ii.** Is-Sindku qal li fir-rigward tal-problema ta' tħaffir fi Triq Dun Karm Sant minn dan l-istess Kuntrattur, jidher li kien għadu ma inthemmx ix-xogħol kollu skedat.

**iii.** Rigward it-turf tal-ground 5 aside is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara l-laqgħa li kienet saret ma' Cassar Shiprepair konna għadna qed nistennew risposta mingħand l-istess Cassar Ship Repair wara li s-Sur Cassar kien baqa' magħna li kellu jkellem lill-kumitat biex jara minn kien qed jagħmel użu mill-ground bħala Tarxien Rainbows. Turf tal-ground 5 aside

**iii.i** Qal ukoll is-Sindku li l-avukat tagħna qed iżommna aġġornati bl-eżitu tas-seduti fejn kien qed ikompli jinstema l-Appell.

**iv.** Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-kont mal-Kuntrattur DIMBROS kien ġie ssetiljat. Sadanittant is-Sindku żied jgħid li l-Kuntrattur kellha tagħtih risposta meta kienu ser jibdew t-tieni parti ta' Triq Sta Marija. Tender toroq

**v.** Is-Sindku Paul Farrugia qal li fir-rigward tat-toroq Paola u Santa Marija, kien għadu kollox l-istess hekk kif kien irrapurtat fil-laqgħa preċedenti. Garanziji – Triq Paola u Triq Santa Marija

**vi.** Is-Sindku spjega li fir-rigward tal-inizjattiva li kull Reġjun kellu jingħata €100,000 għall-asfaltar tat-toroq u li kienet ġiet diskussa waqt diversi laqgħat fl-AKL u li suppost kellna nirċievu risposta imma minn dan kollu ma kien sar xejn. Sadanittant qal ukoll is-Sindku li kien jidher li l-fondi kienu tqassmu bejn ir-reġjuni l-oħra u kull wieħed mill-4 reġjuni l-oħra kellhom jieħdu €25,000 iktar kull wieħed. Inizjattiva €100,000 kull Reġjun

**vii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-inċident fuq il-Monument tal-Vittmi tal-Gwerra l-avukat kien weġibna li dan il-każ kien magħluq. Inċident monument – Avukat UNTOURS

**viii.** Rigward il-*bins* mitluba mill-Iskola St Thomas Moore fl-inħawi barra l-entratura tal-Iskola kif ukoll *bins* tar-riċiklaġġ ġewwa l-Iskola li kienu ġew approvati u li kienu ser ikunu sponsorjati mill-istess Green MT, is-Sindku kkonferma li kienu għadhom ma sarux. Laqgħa GREEN MT – Bins

**ix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-każ ta' Triq B'Bugia l-Kuntrattur kien ġie jerġa jagħti l-konkos mill-ġdid tat-tip C25 hekk kif kien ordnat lilu u għaldaqstant dan il-każ issa kien setgħa jiġi kkunsidrat magħluq. Triq B'Bugia

**x.** Rigward ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Seg. Eżek. reġgħet infurmat lill-Kunsill li għal darb'oħra d-DLG kien reġa bgħat reminder dwar dan. ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Seg. Eżek.

x.i Il-Kunsill għal darb'oħra qabel li jibqgħu mad-deċiżjoni li jistennew direzzjoni mingħand l-Assoċ. Kunsilli Lokali.

**xi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-bus shelter ta' Triq Palma kien għadu kollox l-istess hekk kif kien irraporta fil-laqgħat preċedenti. Żied jgħid li din il-materja kienet ġiet diskussa fl-AKL u jidher li kienu għaddejjin diskussjonijiet bejn l-Ex Kuntrattur u AKL. Bus Shelter Triq Palma

**xii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-każ sabiex it-TM jirrikunsidraw li double yellow lines fi Triq Pellikani Nru. 80, St Michael, minflokk metru fuq kull naħa tal-garaxx jitwalu u jiġu 2.5 u nofs fuq kull naħa, li apparti dak kollu li kien rrapurtat fil-laqgħat preċedenti, l-indirizz ma kienx jeżisti għaliex fejn indikat kien Triq Xandru Farrugia u mhux Triq il-Pellikani. Triq Pellikani Nru. 80, St Michael

**xiii.** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-ħaddiema li l-Kunsill kellu assenjati miegħu, u in vista tal-fatt li dawn minn Jannar 2018 kienu ser jiżdiedu kollha fil-paga madwar €200 kien qed jippretendi li dawn jagħtu iktar. Ħaddiema assenjati mal-Kunsill

**xiv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu qed jistenna li s-Sur Dennis Calleja jirkupra saħħtu qabel ma jkellmu ladarba x-xogħol fuq il-gazebo l-kbira biex jerġa jibda jopera minn ġewwa l-Gazebo. Is-Sindku Farrugia qal ukoll li meta kien hemm attivita' fi Ġnien Veliko kien hemm xi ħadd li jaħdem il-ċombini li kien staqsih għall-użu tal-gazebo u kien baqa miegħu li fil-każ ikunn interessat kien ser jerġa jkellmu. Gazebo - Ġnien Veliko Turnovo

**xv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward il-binja li l-Kumm. Elettorali kienet qed talloka ġewwa l-konfini ta' Ħal Tarxien, huwa kien oġġezzjona li l-Kunsill Lokali Ħal Tarxien ma kienx ser jaċċetta li din il-blokka taqa' fil-konfini ta' Ħal Tarxien. Sadanittant l-Kumm. Elettorali kienet reġgħet baqgħet tistaqsi għaliex din l-oġġezzjoni. Hu kien reġa spjega li l-entratura prinċipali tal-blokka kienet ġiet rilokata ġewwa t-triq fil-konfini tal-Fgura u mhux Ħal Tarxien. Apparti dan żied jispjega s-Sindku li kien qalilhom li l-Kunsill Lokali Ħal Tarxien ma kienx ingħata allokazzjoni finanzjarja biex jamministra is-servizzi relatati mar-residenti ta' din il-blokka. Blokka apaprtamenti ġodda fi Triq San Mikiel Fgura

**xv.i** Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel mas-suġġeriment tas-Sindku.

**xvi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-talba mingħand id-Direttur tat-Tarxien Youth Centre Ċirkolu San Ġwann Bosco biex jagħmlu użu tal-ground 5 aside u d-dressing rooms konna għadna qed nistennew id-Disclaimer min-naħa tagħhom. Talba użu tal-ground

**xvii.** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsillieri li r-rapport dwar il-proġett tal-ERDF 213 – *Sustainable Tourism in a Village of Culture* kien intbgħat. Kif ukoll konna rċevejna l-Final Report li wkoll ġie ffirmat u mibgħut lura lill-PPCD. Żied jispjega s-Sindku Farrugia li issa kien ser jibgħat lis-Segr Parl l-Onor. Aaron Farrugia responsabbli għall-fondi Ewropej sabiex jara fuq il-kumplament tal-ħlas tal-Agreement jiġifier l-ammont finali li kien għad fadal ta' madwar €22,000. PV System – Proġett ERDF213

**xviii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-kwotazzjoni għall-bandiera biex tiddendel mal-arblu l-ġdid fir-roundabout ta' Triq Palma Ħal Tarxien konna ġibna l-qies u ordnajniha. Bandiera – Roundabout Triq Palma

**xix.** Is-Sindku nofrma lill-Kunsill li kien għadu qed jipprova jagħmel kuntatt mal-Kuntrattur li kien ħadmilna l-pavimentar ta' Ġnien Veliko Turnovo sabiex tiżdied tarġa oħra mat-taraġ ta' fejn il-latrina. Tarġa - Ġnien Veliko Turnovo

**xx.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ġie ffirmat kuntratt bejn il-Kunsill, id-DLG u s-Segr. Parl l-Onor. Silvio Parnis fejn ġejna mwiegħda li ningħataw €250,000 sabiex isir ix-xogħol relatat għall-Open Air Gym fi Ġnien Kurunell Mass. Żied jispjega s-Sindku Farrugia li diġa konna fil-proċess biex tinħareġ tender. Laqgħa Onor Silvio Parnis

**xxi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li r-racks ġodda kienu lesti u kienu tpoġġew fil-post ġewwa l-Librerija. Librerija

*IL-Kunsillier Ismael Dalli wasal fis-18:55pm*

**xxiii.** Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li l-vaċċin kontra l-influwenza kien ingħata lir-residenti mill-Kunsillier Lawrence Bonavia. Vaċċin kontra l-Influwenza

**xxiv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna rcevejna lment sabiex jerġa jsir xi lqugħ fuq li stage ta' Triq Tarxien fejn kien hemm l-għassa dari'. Saret diskussjoni dwar dan u ġie deċiż li għalissa l-Kunsill kellu jistenna l-eżietu tat-tender li l-MPT kienet ħarġet. Bus Shelter – Triq Tarxien

**xxv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-inċident li kien seħħ fil-pjazza tal-knisja parrokkjali fejn vettura kienet baqgħet dieħla ġol-bankijiet, qal li għalkemm kien sar rapport lill-pulizija dawn baqgħu ma' għamlu xejn. Inċident fil-Pjazza quddiem il-knisja parrokkjali

**xxvi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu ġew irriservati xi spazzji tal-parking fi Triq Santa Marija hekk kif kien mitlub mingħand il-Kumitat Sezzjonali PN Tarxien. Il-Kunsillier Lawrence Bonavia rringrazzja lill-Kunsill f'isem dan l-istess Kumitat. Talba mingħand il-Kumitat Sezzjonali PN Tarxien

**xxvii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-proposta fil-laqgħat preċedenti mill-Kunsillier Ismael Dalli sabiex il-Kunsill japplika għall-iskema biex fir-raħal isiru bicycle racks filwaqt li l-ispiża kollha biex isiru kienet ser tkun assorbita mill-Ministeru tal-Finanzi, kienet għad ma ġietx risposta. Bicycle Racks

**xxviii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar it-talba tal-Kunsillier Frans Agius fil-laqgħa preċedenti sabiex il-Kunsill jerġa jikteb lill-Awtorita' tat-Turiżmu sabiex jinbidlu t-tabelli li jindikaw it-triq għat-tempji, din l-ittra kienet intbgħatet pero ma kienx għad kellna risposta. Jinbidlu t-tabelli li jindikaw it-triq għat-tempji

**xxix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-Impjegat Jaden Borg li kien tefa r-riżenja tiegħu kien qed jissuġġerixxi lil-impjieg tiegħu jiġi tterminat qabel ma jkun ħadem d-disgħin jum kollu tan-notice period u dan mingħajr obbligi mill u/jew lejn il-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament.

**xxx.** Is-Sindku Paul Farrugia qal li kellna rikjesta sabiex minn Xintill k/m Triq Paola ma jgħaddux heavy vehicles. Żied jgħid li bħala Kunsill konna ressaqna din it-talba lit-TM u l-Entita ta' kienu qalulu li ladarba hemmhekk diġa kien hemm tabelli li ma setawx jgħaddu vetturi kbar kien setgħa jaqbad u jordna t-tabelli mill-ġdid. Fil-fatt żied jispjega s-Sindku li hekk għamilna imma xi nies mill-akkwata qalulu li t-tabella saret ħażin għax is-sinjal fuq it-tabella kien juri ċirku aħmar u ġoċ-ċirku hemm vann u dawn in-nies ppretendew li din it-tabella kellu jkollha sinjal maqtugħ. Qal li bgħattna għall-verifika tat-TM weġbuna lura li tabella kienet tajba kif inhi mingħajr sinjal maqtugħ. Il-Kunsill Lawrence Bonavia staqsa jekk dawn it-tabelli kienux suġġetti għalihom il-kollettur tal-ġbir tal-iskart. Is-Sindku wieġeb li tali kuntrattur kellu jirrimedja b'mod ieħor bħal pereżempju jaħdmu bi trakk żgħir, jew jidħol jiġbor bl-idejn.

*Il-Kunsillier Lawrence Bonavia irtira mil-laqgħa fi 19:10pm*

**xxx.i.** B'żieda ma dan is-Sindku qal li bħalissa bħala AKL kienu qed jiddiskutu dan u kien hemm suġġeriment li jibda jinġabar mid-9am 'l quddiem. Ġbir ta'Skart

**xxx.ii** Qal ukoll li bħala AKL iddiskutew ukoll is-servizz ta' bring in sites. Qal li ltaqgħu maż-żewġ operaturi biex jaraw liema tip ta' bring in sites l-aħjar li jsiru. Bring In Sites

**xxxi.** Is-Sindku qal li t-tiżjin tat-toroq kien inbeda. Tiżjien tat-toroq

**xxxii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet ittra mingħand t-Tarxien Pageant Group sabiex jitolbu permess biex itellgħu attivita' fil-pjazza quddiem il-knisja nhar is-27 u 28 ta' Marzu 2018 filwaqt li jużaw il-pjazza bejn il-25 u t-28 ta' Marzu 2018. Il-Kunsill iddiskuta din it-talba u unanimament qabel li jingħatalhom permess. Attivita' Tarxien Pageant Group

**xxxiii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet talba mingħand resident li għandu l-garaxx u qed jitlob sabiex faċċata ta' dan l-istess garaxx jitneħħew xi parking bays u minflok isiru double yellow lines. Is-Sindku żied jgħid li meta xi pubbliku jitlob xi ħaġa għandu l-pubbliku li jġibu ritratti, kejl u dak kollu bżonn. Saret diskussjoni mill-Kunsill dwar dan u ma kienx hemm qbil li din issir għaliex kienu ser jitnaqqas il-parkeġġ. Għaldaqstant ġie deċiż li din ir-rikjest tintbgħat lit-TM imma ssir nota li l-Kunsill ma jaqbilx li jitneħħew xi parkings. Double yellow lines faċċata ta' garaxx Nru. 7, fi triq Lanzon

**xxxiv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien deher il-Qorti minħabba kumment fuq il-facebook u li din il-kawża ġiet differita għal 13 ta' frar 2018. Kawża l-Qorti

**xxxv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu waslu żewġ talbiet mingħand it-TM Talbiet TM

- One way system triq San Franġisk Talba – Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u ġie deċiż li niċċekkjaw sewwa t-talba tal-Kunsill imbagħad fil-każ nibgħatu ninfurmaw lit-TM li t-triq in kwistjoni kienet oħra;
- Double yellow lines faċċata ta' garaxx no 3a Vjal Simmons - Saret dikussjoni mill-Kunsill u kien rizolt li ma jaqblux. Ser ninfurmaw lit-TM dwar dan.

**xxxvi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet daħlet claim ta' ħsara tat-tyre fi Triq it-Tarzna Ħal Tarxien. Saret diskussjoni mill-Kunsill dwar dan u ġie maqbul unanimament li dan il-każ ma kienx eliġibbli għal rimbors. Tyre Claim

**xxxvii** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li nhar id-19/12/17 5.30pm laqgħa annwali għar-residenti ta' Ħal Tarxien li isimhom jidher fuq ir-Reġistru Elettorali. Laqgħa pubblika

**xxxviii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-mera fi Triq Lanzon k/m Triq Paola, kienet twaħħlet. Mera fi Triq Lanzon k/m Triq Paola

### 74.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

Ma kienx hemm mistoqsijiet mingħand il-Kunsillieri.

### 74.5 Rapporti

**i.** Ma kienx hemm rapporti biex jiġu mgħoddija fil-laqgħa.

### 74.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġiet mressqa l-iSkeda ta' Pagamenti 60/07. Din l-iSkeda ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

### 74.7 *Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**74.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**74.9 Mozzjonijiet**

**i.** Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**74.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**i.** Il-laqgħa ntemmet fid-8:25PM.

**ii.** Laqgħa oħra kienet ser tinżamm nhar it-Tlieta 19 ta' Diċembru 2017 fis-6.00pm.

| | |
|---|---|
| Iffirmat | Iffirmat |
| ______________________ | ______________________ |
| **Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ** | **Sna. Antonella Galea** |
| **Sindku** | **Seg. Eżek** |